~~Li jkolli nigħbor il-qalba tal-ktieb *Ekam Sat* ippreżentat minn C.J. Muscat, nagħżel li nikkwota minn dan l-istess ktieb dan il-kliem li ħiereġ żgur mill-esperjenza ta' snin twal ta' taħriġ meditattiv tal-awtur innifsu:~~

> ~~Fil-mumenti ta' meditazzjoni, l-*manas* jitwaħħad mal-fjamma tal-qalb, jesperjenza r-rabta tal-bniedem mal-kożmos.~~
>
> ~~Jeħtieġ li jiġi ndokrat in-nar *agni* ġewwa fina.~~

~~*Ekam Sat*, C.J. Muscat, paġna 119~~

Bla dubju dan il-ktieb huwa frott tat-taħriġ meditattiv matul medda ta' snin, li għamlu mill-awtur bniedem meditattiv fih innifsu, fejn il-qawwa tal-ħsieb (*manas*) tikxef ir-rieda li minnha mbagħad il-persuna taġixxi permezz tal-ġisem, il-moħħ, u l-kliem. Meta fil-meditazzjoni il-*manas* jitwaħħad mal-fjamma tal-qalb, il-meditattiv ma' jibqax ilsir tal-*anusaya* li huma s-seba' ġibdiet li jinbtu fih u li huma l-għajn ta' ħafna ħsibijiet fiergħa u illużorji. F'dan it-taħriġ il-bniedem meditattiv jagħraf it-twaħħid ta' kollox fil-Kollox. Biex wieħed jasal għal dan jeħtieġlu jħares ġewwa fih in-nar divin (*agni*). F'dan id-dawl, Charles ifassal kitbietu fi tliet taqsimiet 1) b'ġabra ta' testi, 2) ġabra ta' riflessjonijiet u 3) ġabra ta' informazzjoni, mill-*Veda Dharma*, dwarha u fuqha.

Fil-qosor nistgħu ngħidu li l-*Veda Dharma* hija dak l-għarfien li jżomm kollox u jgħaqqad kollox flimkien: il-*Veda* huwa l-għarfien, id-*Dharma*, mis-Sanskrit *Dhr,* huwa l-prinċipju li jżomm kollox wieqaf u li nistgħu nifhmuh fis-sens ta' 'liġi' (mil-Latin *ligare*) li torbot flimkien. Fl-ilsna moderni ma għandniex kelma waħda li tfisser id-Dharma. Muscat jagħtina f'dal-ktieb l-għarfien tiegħu moħbi taħt ir-riflessjonijiet għas-siltiet magħżula mill-*Veda Dharma* u li huma dak l-għarfien spiritwali tal-bniedem li nistgħu inqisuh bħala s-sies ta' kull filosofija u reliġjon. Jekk il-qarrej huwa midħla tat-taħriġ meditattiv f'dan is-sens, se jifhem dak li l-awtur bi kliem sempliċi u b'sengħa kbira sabiex jaqleb termini Sanskritt għal ilsienna, għerf ġej mil-Lvant Imbiegħed u li għadda mit-tiġrib ta' eluf u eluf ta' snin b'mod li ħa forom diversi skont il-kulturi u ż-żminijiet li ġew warajh.

Ġej minn liema tradizzjoni reliġjuża u spiritwali ġej, il-qarrej jintebaħ li għorrief u mistiċi Lhud, Insara, Misilmin u l-bqija, ilkoll għandhom reżonanza u f'ċertu sens huma espressjoni konkreta ta' dak l-*Għerf li jżomm kollox wieqaf.* Jien u naqra b'attenzjoni meditattiva

© 2021 C.J. Muscat

dak li nsibu f'dan il-ktieb tal-ħabib tiegħi Charles, beda' tiela' f'moħħi u qalbi kliem l-Imgħallem Eckhart, San Ġwann tas-Salib, Eliżabetta tat-Trinità, jew saħansitra l-mistiċi Sufi u oħrajn; ilkoll xhieda tal-laqgħa tal-bniedem mal-Assolut Divin li tiżboq id-delimitazzjoni tar-reliġjon, u li fi kliem San Pawl hija xhieda li "aħna fih ngħixu, nitħarrku, fih aħna ... aħna tassew nisel tiegħu" (ara Atti 17: 28).

Radd ta' ħajr lil Charles Muscat li għoġbu jaqsam magħna dan it-teżor spiritwali tant meħtieġ f'dinja u kultura li kulma tmur iktar qed iżżomm biss fuq dak li jidher, fuq il-qoxra ta' barra u li hija nieqsa mill-inżul tal-għeruq fil-qigħan fejn hemm l-ilma tal-ħajja li jżommna weqfin fuq saqajna. Jalla din il-kitba tkun tessera oħra fil-mużajk ta' kitbiet li jfakkru lil ġensna fl-importanza tal-ħajja ġewwinija. Neħtieġu ilħna profetiċi bħal dawn li jċaqilquna mis-superfiċjalità li fiha drajna neżistu.

*Rev. Dr. Charlò Camilleri, O.Carm*
Fakultà tat-Teoloġija, Università ta' Malta;
*Carmelite Institute* Malta, L-Imdina

~~Kienu tnejn l-ewwel ħsibijiet qawwija li ġewni malli qallibt f'dal-ktieb. L-ewwel wieħed hu fuq il-kontenut. Il-mogħdijiet ħielsa tal-ħsieb, li jfittxu li jwasslu lill-bniedem biex jiskopri lilu nnifsu f'għaqda mad-dinja ta' madwaru, huma għonja u msaħħra daqs il-misteri li jimlew il-ħajjiet tal-bniedem u tal-ħlejjaq. Dal-ġmiel hu l-foħrija ta' kull filosofija. It-tieni ħsieb hu l-istil. Il-passjoni qawwija tal-kitbiet għal dak li jipprattikaw u jgħallmu, taqbeż minn kull paġna tal-ktieb. Dil-passjoni hi xrara mill-ispirtu li ħalaqna lkoll; għax qatt ma sar xejn mingħajr passjoni. Daż-żewġ ħsibijiet bdejt bihom imma ma spiċċajtx bihom. Għax fit-tmiem tal-ktieb hemm sentiment, mhux ħsieb, is-sentiment ta' sliem, jista' jkun dak l-istess sliem li fih jorqod il-ħolqien kollu u li jgħaqqad lilna miegħu.~~

~~*Rev. Dr. Mark Montebello*~~
~~Università ta' Malta~~


© 2021 C.J. Muscat